31992R0338

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 338/92
tat-12 ta' Frar 1992
li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3673/91 rigward il-kwota tal-Komunità għall-importazzjoni ta' 8 000 tunnellata ta' nuħħala tal-qamħ li hija skond il-kodiċi NM 2302 30 li toriġina fl-Istati ta' l-ACP għad-dipartiment Franċiż ta' Reunion

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jintroduċi miżuri speċifiċi fejn jidħlu xi prodotti agrikoli għall-benefiċċju tad-dipartimenti Franċiżi barra x-xtut [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Billi l-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91 jistipula li, fil-limitu ta' kwantità annwali ta' 8 000 tunnellata, l-ebda imposta ta' importazzjoni m'għandha tapplika għall-importazzjoni fid-dipartiment Franċiż ta' Reunion barra x-xtut għan-nuħħala tal-qamħ li hija skond il-kodiċi NM 2303 30 mill-Istati ta' l-ACP;

Billi l-ewwel ħaġa regoli dettaljati għall-amministrazzjoni ta' din il-kwota għandhom jiġu stipulati; billi, f'dan il-kuntest, għandha ssir dispożizzjoni biex il-liċenzi ta' l-importazzjoni jiġu mġedda wara perijodu ta' reviżjoni, u fejn meħtieġ, għall-fissazzjoni ta' koefiċjent ta' riduzzjoni waħdieni għall-kwanitajiet applikati għalihom; billi, iktar u iktar, fl-interessi ta' l-operaturi, għandha ssir dispożizzjoni għall-possibiltà ta' rtirar ta' l-applikazzjonijiet għall-liċenzji wara li l-koefiċjent ta' riduzzjoni ikun ġie iffissat;

Billi, bi skop tal-faċilitazzjoni ta' l-amministrazzjoni tal-kwota, għandha ssir dispożizzjoni għall-Franza biex tieħu d-deċiżjonjiet fuq l-applikazzjoni tal-koefiċjent ta' riduzzjoni waħdieni għall-kwantitajiet applikati għalihom; filwaqt li delega ta' poteri bħal din tagħmilha neċessarja għall-Kummissjoni li tkun mgħarrfa regolarment bid-deċiżjonijiet meħuda b'dan il-għand;

Billi l-miżuri provvduti b'dan ir-Regolament huma bi ftehim ma' l-opinjoni tal- Kumitat ta' Ġestjoni għaċ-Cereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan ir-regolament jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwota annwali tal-Komunità għall-importazzjoni fid-dipartiment Franċiż ta' Reunion, eżentat mill-imposta ta' 8 000 tunnellata ta' nuħħala tal-qamħ li hija skond il-kodiċi NM 2302 30 mill-Istati ta' l-ACP skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91.

L-Artikolu 2

1. L-Applikazzjonijiet għall-liċenzi ta' l-importazzjoni skond il-kwota msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti fi Franza maħtura għal dan il-għan sas-1 ta' wara nofs in-nhar, ħin ta' Brussel kull nhar ta' Tnejn u, jekk din ma tkunx ġurnata tax-xogħol, l-ewwel ġurnata tax-xogħol warajha.

2. L-Applikazzjonijiet għall-liċenzi ta' l-importazzjoni ma jistgħux ikopru kwantitajiet ikbar mill-kwantità tal-kwota disponibbli.

3. Jekk l-applikazzjonijiet għall-liċenzi ta' l-importazzjoni huma iktar mill-kwantitajiet disponibbli, l-Istat Membru għandu jiffissa koefiċjent ta' riduzzjoni waħdieni għall -kwantitajiet applikati għalihom għal tlett ijiem tax- xogħol wara l-ġurnata li fiha l-applikazzjonijiet ġew sottomessi l-aktar tard. F'dan il-każ l-applikazzjonijiet għall-liċenzi jistgħu jiġu miżmuma, permezz ta' talbiet miktuba sa ġurnata tax-xogħol wara d-data li fiha l-koefiċjent ta' riduzzjoni hija ffissata.

4. Il-liċenzi għandhom joħorġu fil-ħames ġurnata tax-xogħol wara l-ġurnata li fiha l-applikazzjonijiet huma sottomessi l-aktar tard.

5. Minkejja l-Artikolu 8(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [2], il-kwantità importata ma tistax tkun akbar minn dik murija fil-kaxxi 17 u 18 tal-liċenza ta' importazzzjoni. Għal dan l-iskop il-figura 0 għandha tiġi mdaħħla fil-kaxxa 19 tal-liċenza msemmija.

6. "In-Nuqqas ta' l-applikazzjoni tal-imposta (kwota ta' Reunion) — ir-Regolament (KEE) Nru 338/92", għandu jiġi mdaħħal taħt it-titlu "Noti" ta' l-applikazzjonijiet għall-liċenzi ta' l-importazzjoni u f'kaxxa 24 tal-liċenza ta' l-importazzjoni.

7. Il-liċenzji m'għandhom jikkonstitwixxu l-ebda obbligu għall-importazzjoni mill-Istati ta' l-ACP. L-Applikazzjonijiet tal-liċenzi u l-liċenzi għandhom jindikaw l- Istat ta' l- ACP ta' oriġini fil-kaxxa 8.

8. Il-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 45 ġurnata mid-data tal-hruġ tagħhom.

Ir-rata ta' sigurtà fejn jidħlu l-liċenzi għandha tkun 16 -il ECU għal kull tunnellata.

9. Franza għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet meħuda biex jimplimentaw il-provvedimenti ta' dan l-Artikolu permezz tat-telex jew it-telefax sas-1 ta' wara nofs in-nhar, ħin ta' Brussel kull nhar ta' Ġimgħa. Din l-informazzjoni għandha tiġi komunikata separatament minn dik li għandha x'taqsam ma' applikazzjonijiet għall-liċenzi ta' l-importazzjoni oħra fis-settur taċ-ċereali.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p. 1.

[2] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Frar 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni